MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 303/2005

**Elwira Maria OPATECKA**

**vs**

**Andrew Francis ĊIANTAR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta’ Marzu, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ir-rikorrenti talbet li sentenza li ngħatat favuriha mill-Qorti Distrettwali ta’ Varsavja, fir-Repubblika tal-Polonja, tiġi eżegwita f’Malta skond u għall-finijiet tar-Regolament Komunitarju Numru 44 tal-2000;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fis-26 ta’ April, 2005, li biha laqa’ għat-talba tar-rikorrenti billi qal li s-sentenza tal-qorti barranija li bis-saħħa tagħha hu ġie kundannat iħallas il-manteniment lir-rikorrenti tmur kontra dak li ġie miftiehem bejnu u l-istess rikorrenti f’kuntratt ta’ firda personali, fejn l-istess rikorrenti irrinunzjat għall-

manteniment u fejn l-imsemmi kuntratt kien għas-saldu ta' kull pretensjoni li l-partijiet seta' kellhom kontra xulxin;

Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda d-dokumenti kollha mressqa miż-żewġ partijiet relattivi għall-proċeduri li tagħhom qegħda tintalab l-eżekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-eżekuzzjoni f'Malta ta' sentenza mogħtija minn qorti kompetenti ta' pajjiż ieħor tal-Unjoni Ewropeja. B'sentenza mogħtija fit-22 ta' Ottubru, 2004[1], il-Qorti Distrettwali għal Varsavja, fir-Repubblika tal-Polonja, laqgħet it-talba tar-rikorrenti Opatecka u ikkundannat lill-intimat Ċiantar iħallasha manteniment bir-rata ta' elf u ħames mitt zloty (1500zl) fix-xahar b'seħħ mill-14 ta' Marzu, 2002, sad-9 ta' Ottubru, 2003. Dik il-qorti waqfet milli tqis talba oħra għal 500 zloty u, filwaqt li ikkundannat lill-intimat iħallas l-ispejjeż proċedurali, irrendiet l-imsemmija sentenza eżegwibbli. Ir-rikorrenti issa qegħda titlob li tirrendi l-imsemmija deċiżjoni eżegwibbli f'Malta fejn jgħix l-intimat;

Illi din l-azzjoni qegħda titressaq bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Komunitarju 44/2001 tat-22 ta' Diċembru, 2000 imsejjaħ "*On Jurisdiction and the Recognition and Enforcement of Judgments in Civil and Commercial Matters*"[2]. Dan l-istrument legali, sewwasew minħabba li huwa Regolament, illum jagħmel parti mis-sistema tal-liġijiet ta' Malta b'effett dirett[3];
Illi l-imsemmi Regolament jissejjes fuq il-ħtieġa ta' ko-operazzjoni f'qasam ċivili bejn il-qrati tal-pajjiżi msieħba fl-Unjoni kif riflessa fil-prinċipji ta' sussidjarjeta' u

[1] Dok "A", f'paġ. 2-4 tal-proċess
[2] Sal-lum ma jidhirx li għadha saret verżjoni uffiċjali fl-ilsien Malt ital-imsemmi att, u r-riferenzi f'din is-sentenza se' jsiru mit-test awtentiku fl-ilsien Ingliż
[3] Art. 76

proporzjonalita’ msemmija fl-artikolu 5 tat-Trattat li Jwaqqaf il-Komunita’ Ewropeja (EC), u huwa maħsub li jilħaq il-minimu maħtieġ biex jinkisbu l-imsemmija għanijiet[4]. Ir-Regolament jilħaq l-oqsma kollha ewlenin ta’ kwestjonijiet ta’ xejra ċivili jew kummerċjali[5], għajr l-oqsma espressament esklużi[6];

Illi huwa xieraq li jissemma wkoll li l-ħsieb wara dan ir-Regolament huwa dak li sentenza mogħtija minn qorti ta’ Stat imsieħeb għandha tingħata għarfien u eżekuzzjoni fi Stat imsieħeb ieħor, ukoll jekk id-debitur f’dik is-sentenza jkun domiċiljat f’art oħra[7], minkejja li, ġeneralment, il-ġurisdizzjoni tissejjes fuq id-domiċilju tal-parti mħarrka[8]. Mira ewlenija tar-Regolament hija li titnaqqas il-ħtieġa ta’ bosta kawżi fuq l-istess ħaġa fi bnadi differenti u titneħħa l-possibilita’ li jingħataw deċiżjonijiet fuq l-istess kwestjoni li ma jkunux jaqblu bejniethom[9];

Illi r-Regolament irid li, fuq il-bażi tal-fiduċja reċiproka, sentenzi mogħtija fi Stat imsieħeb jingħataw għarfien awtomatiku bla ħtieġa ta’ proċeduri għajr f’każ ta’ kontestazzjoni[10]. B’dan il-mod, ir-Regolament irid li d-dikjarazzjoni li sentenza mogħtija minn qorti ta’ Stat imsieħeb hija eżegwibbli għandha tingħata kważi awtomatikament minn qorti ta’ Stat imsieħeb ieħor, fuq il-bażi biss tal-eżami tad-dokumentazzjoni preskritta[11] mressqa, u mingħajr ma din l-aħħar qorti tista’ tqajjem minn rajha r-raġunijiet maħsuba fl-istess Regolament[12] biex iżommu s-sentenza milli tiġi eżegwita[13], u mingħajr ma din l-aħħar qorti terġa’ tistħarreġ il-kwestjoni fil-mertu[14]. Minkejja dan, huwa meħtieġ li talba għall-eżekuzzjoni ta’ sentenza mogħtija f’qorti ta’ Stat imsieħeb trid tiġi notifikata lid-debitur fil-pajjiż fejn jgħix[15], u jingħata

[4] Preambolu 4
[5] Preambolu 7
[6] Art. 2
[7] Preambolu 10
[8] Preambolu 11
[9] Preambolu 15
[10] Preambolu 16 u art. 33(1)
[11] Art. 53
[12] Art. 34
[13] Preambolu 17
[14] Art. 36
[15] Art. 42(1)

jedd ta’ appell minn kull deċiżjoni li tawtorizza l-eżegwibilita’ ta’ sentenza bħal dik[16];

Illi fi ħwejjeġ li għandhom x’jaqsmu ma’ kwestjonijiet ta’ manteniment, persuna domiċiljata fi Stat imsieħeb tista’ tiġi mħarrka fil-qrati tal-Istat fejn tkun domiċiljata l-persuna li tippretendi l-ħlas tal-manteniment[17]. Fil-każ preżenti, ir-rikorrenti Opatecka hija ċittadina tar-Repubblika Polakka minbarra li tgħix hemmhekk ukoll;

Illi, wara li fliet sewwa d-dokumenti mressqa, il-Qorti ssib li r-rikorrenti wettqet kulma huwa meħtieġ biex is-sentenza miksuba favuriha kontra l-intimat tista’ u għandha tiġi eżegwita f’Malta;

Illi jirriżulta li l-proċedura għall-ħlas tal-manteniment inbdiet mir-rikorrenti fis-sena 2002. Jirriżulta li, għal xi żmien (għalkemm mhux twil), ir-rikorrenti u l-intimat kienu żżewġu lil xulxin f’Malta. Jirriżulta wkoll li l-intimat kien ġie notifikat kif imiss bl-atti tal-kawża miftuħa kontrih u ressaq sottomissjonijiet[18] u kontestazzjoni;

Illi s-sentenza li tagħha qegħda titntalab l-eżekuzzjoni tat lir-rikorrenti Opatecka dritt għal arretrati ta’ manteniment mingħand l-intimat Ċiantar, u dan għal żmien li jieqaf dakinhar li ġie iffirmat il-kuntratt tal-firda personali bejn il-partijiet[19]. Dan ifisser, għalhekk, li s-sentenza tal-qorti Polakka jidher li ħadet qies tal-istess kuntratt, ukoll billi jidher mill-atti li kien l-istess intimat li ġibdilha l-attenzjoni għal dan l-iżvilupp fil-kwestjoni li kienet għaddejja bejnu u r-rikorrenti f’Malta, u saħansitra għarrafha li kien se’ jibda l-proċess biex jirreġistra l-istess kuntratt fil-Polonja[20];
Illi l-intimat jgħid li l-ftehim milħuq mill-partijiet fil-kuntratt tal-firda personali kien wieħed għas-saldu ta’ kull pretensjoni li huma seta’ kellhom fil-konfront ta’ xulxin. Iżid jgħid li tant dan kien hekk li, wara li ġie ffirmat il-kuntratt, sar qsim ta’ kulma kien hemm bħala assi tal-komunjoni. Din is-sottomissjoni hija waħda li tolqot il-

[16] Art. 43(1)
[17] Art. 5(2)
[18] Affidavit tal-intimat 1.7.2003, f’paġġ. 33-5 tal-proċess
[19] Dok “A”, f’paġġ. 13-5 tal-proċess
[20] Dok. F’paġġ. 17-8 tal-proċess

mertu u għalhekk din il-Qorti hija miżmuma, mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament u għall-finijiet tal-proċedura preżenti, milli terġa' tistħarriġha;

Illi, iżda, u dejjem fil-limiti ta' din il-proċedura, din il-Qorti ssib li s-sottomissjoni tal-intimat ma tistax titqiegħed taħt xi waħda mir-raġunijiet li biha, skond l-artikolu 34 tar-Regolament, is-sentenza tal-Qorti polakka tista' ma tingħatax għarfien. L-għaref avukat tal-intimat ressaq l-argument li s-sentenza miksuba favur ir-rikorrenti fil-Qorti tal-Polonja tikkuntrasta ma' sentenza oħra mogħtija fuq kwestjoni bejn l-istess partijiet minn qorti tal-Istat Imsieħeb fejn l-eżekuzzjoni qegħda tintalab[21]. Huwa jgħid li l-kuntratt ta' firda personali sar għaliex qorti Maltija awtorizzat il-pubblikazzjoni tiegħu u għalhekk, għal kull fini, kuntratt bħal dak għandu jitqies bħala sentenza. Il-kuntratt ġie ippubblikat f'Ottubru tal-2003, u għalhekk qabel ma ngħatat is-sentenza li tagħha qegħda tintalab l-eżekuzzjoni. Minbarra dan, iżid jgħid li, għad-differenza ta' kuntratti pubbliċi oħra, l-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' firda personali mogħtija wara awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti ssir awtomatikament malli tintalab. Dan l-argument ma jidhirx li jista' jintlaqa'. Huwa minnu li, fil-liġi Maltija, kuntratt u sentenza jitqiesu t-tnejn bħala li huma titoli eżekuttivi[22], iżda kuntratt mhux sentenza u l-liġi tagħraf bejn wieħed u l-oħra. Minbarra dan, it-tifsira ta' "*judgment*" fir-Regolament[23] ma tgħoddx fiha kuntratt pubbliku, ukoll jekk ippubblikat bis-saħħa ta' degriet ta' Qorti. Fil-liġi tagħna wkoll, il-kuntratt ippubblikat bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni mogħtija minn Qorti, ma jitqiesx li huwa l-ordni nfisha, tant li jkun jgħodd biss safejn ikun ġie awtorizzat[24], u jkun jeħtieġ ordni ieħor jekk ikun maħsub xi bdil ieħor fil-kuntratt[25];

Illi, b'żieda ma' dan, irid jingħad ukoll li l-kuntratt ta' firda personali li sar bejn ir-rikorrenti (rappreżentata mill-avukat tagħha f'Malta) u l-intimat ma jsemmi xejn dwar il-proċeduri li kien hemm pendenti fil-Polonja dwar it-talba

---

[21] Art. 34(3)
[22] Art. 253 tal-Kap 12
[2323] Art. 32
[24] Art. 477 tal-Kap 12
[25] Art. 476 tal-Kap 12

tal-manteniment. Dawn il-proċeduri kienu magħrufa mill-intimat ukoll u kellu kull setgħa li jitlob li fil-kuntratt ta' firda personali tiddaħħal klawsola li biha l-kwestjoni ġudizzjarja quddiem dik il-Qorti barranija tiġi riżolta wkoll b'obbligu ta' ċessjoni min-naħa tar-rikorrenti jew mod ieħor;

Illi, kif ingħad qabel, għalkemm fil-kopja tas-sentenza mehmuża mar-rikors ma jingħatax tagħrif dwar x'kienet it-talba oriġinali tar-rikorrenti quddiem il-Qorti Polakka, u lanqas ma jingħata tagħrif dwar ir-raġuni għala talba oħra tagħha għall-ħlas ta' 500 zloty ma tqisitx aktar, joħroġ li s-sentenza li ngħatat minn dik il-Qorti ma ssib l-ebda sentenza oħra li tikkonfliġġi magħha li żżommha milli tiġi eżegwita;

Illi l-Qorti tikkonstata wkoll li ċ-ċertifikat meħtieġ għall-finijiet 54 tar-Regolament jinsab mehmuż mal-kopja tas-sentenza li tagħha qegħda tintalab l-eżekuzzjoni f'Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u tordna li s-sentenza mogħtija mill-Qorti Distrettwali (Distrett "Praga") tal-Belt ta' Varsavja, Sezzjoni V tal-Familja u Żgħażagħ, fir-Repubblika tal-Polonja, fit-22 ta' Ottubru, 2004, fl-Atti tal-Proċediment VRC 1032/02 Oz591/02 fl-ismijiet "*Elwira Opatecka vs Andrew Francis Ċiantar*" tiġi eżegwita f'Malta b'seħħ immedjat għall-finijiet u effetti kollha tar-Regolament 44/2001;

**Tordna** wkoll li, għall-finijiet tal-artikolu 42 tal-imsemmi Regolament, l-partijiet jiġu mgħarrfa b'din is-sentenza; u

**Tordna** li l-intimat iħallas l-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------